**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Rikors Nru.: 1218/19 MH**

**Illum, 29 ta' Settembru, 2021**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Film Corporation Malta Limited**
**Anastasia Vladirimovna Budykho**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tar-rikorrenti tad-19 ta' Diċembru 2019** permezz ta' liema premettew:

*"Jesponi bir-rispett:*

*Illi l-esponenti gew notifikati bl-Ittra Ufficjali bin-Numru 4708/19 fl-ismijiet hawn fuq premessi u datat 28 ta' Novembru 2019, fejn f'din l-istess ittra ufficcjali, il-Kummissarju tat-Taxxi qieghed jghid li ghandu titolu ezekuttiv wara li kien*

*innotifika lill-espoonenti b'Avviz liema Avviz jinsab anness mal-imsemmija Ittra Ufficcjali;*

*Illi l-esponenti jirrilevaw li huma qatt ma gew notifikati bl-Avviz li ghalih sar referenza fl-istess Ittra Ufficcjali u percio l-Kummissarju tat-Taxxi naqas milli jimxi u jaderixxi ruhu mal-procedura kontemplata fl-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-espoenti fl-ewwel lok qatt ma gew formalment mitluba biex jaffettwaw xi hlasijiet u wisq anqas kellhom l-opportunita biex igibu prova kuntrarja u fit-tieni lok u in vista tal-fatt li qatt ma gew notifikati bl-Avviz it-terminu ta' tletin (30) jum effettivament qatt ma ghadda.*

*Illi ghalhekk l-Ittra Ufficjali bin-Numru 4708/19 hija intempestiva, rrita u nulla.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti qeghdin permezz ta' dan ir-rikors odjern, umilment u bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara li l-Ittra Ufficjali bin-numru 4708/19 fl-ismijiet hawn fuq premessi hija intempoestiva irrita u nulla peress li jezistu ragunijiet gravi u validi fil-Ligi;*
2. *Tiddikjara li l-Kummissarju tat-Taxxi m'ghandu l-ebda titolu ezekuttiv u b'hekk l-imsemmi titolu ezekuttiv ma jistax jigi ezegwibbli fil-konfront tar-rikorrenti;*
3. *Fin-nuqqas li din l-Onorabbli Qorti tilqa l-ewwel talbiet, tordna s-sospensjoni tal-Ittra Ufficjali bin-numru 4708/19 u tal-effetti kollha li din l-Ittra Ufficjali ggib maghha nkluz l-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv, u dan wara li l-istess Kummissarju tat-Taxxi jottempra ruhu ma dak rikjest mill-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406.*

*Salv kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti."*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tat-Taxxi tat-13 ta' Frar 2020**[1] permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*" illi preliminarjament il-Kummissarju esponenti gie notifikat bir-rikors promutur tal-kawza odjerna fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar 2020;*
*Illi bhala eccezzjoni preliminari l-procedura li giet segwita mhijiex korretta u ghaldaqstant l-ewwel u qabel kollox ir-rikors ghandu jigi dikjarat null peress li l-procedura li kellha tigi uzata hi dik ta' rikors guramentat u dan hekk kif gia deciz minn numru kbir ta' sentenzi, inkluz is-segwenti;*

***79/2019JZM-Kummissarju tat-Taxxi kontra David Agius (ID 498149M)****- jekk ir-rikorrent ried jattakka t-titolu ezekuttiv tal-Kummissarju tat-Taxxi huwa kellu jaghmel dan billi jipprezenta rikors guramentat u mhux rikors semplici.*

***1240/2008GCD-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Martin Cassano****-"L-intimat wieged inter alia illi r-rikors ma jiswiex ghax ma huwa mibni fuq ebda disposizzjoni tal-ligi. Jekk huwa mahsub biex jibda kawza ma sarx fil-forma ta' rikors mahluf kif trid il-Ligi u lanqas sar fil-forma ta' kawza ta' jattanza, ir-rikorrent irid ghallinqas ighid fuq liema disposizzjoni ta' ligi qieghed isejjes ir-rikors.*
*(....)*
*Din l-eccezzjoni tal-intimat hija tajba u jixraq li tintlaqa*
*(...)*
*Jidher ghalhekk illi l-ligi ma taghtix ir-rimedju li qieghed jitlob ir-rikorrent b'rikors mhux mahluf, u l-eccezzjoni tal-intimat hija tajba"*

[1] Fol 22 et seq

*1258/2008GCD-Paul Vella vs Kummissarju tat-Taxxi Interni-"l-intimat wiegeb inter alia illi r-rikors ma jiswiex ghax ma huwa mibni fuq ebda dispozizzjoni tal-ligi. Jekk huwa mahsub biex jibda kawza ma sarx fil-forma ta' rikors kif trid il-ligi, u lanqas ma sar fil-forma ta' kawza ta' jattanza. Ir-rikorrent irid ghallinqas ighid fuq liema dispozizzjoni tal-ligi qieghed isejjes ir-rikors*

*(...)*

*Din l-eccezzjoni tal-intimat hija tajba u jixraq illi tintlaqa*

*(...)*

*Jidher ghalhekk illi l-ligi ma taghtix ir-rimedju li qieghed jitlob ir-rikorrenti b'rikors mhux mahluf, u l-eccezzjoni tal-intimat hija tajba."*

*Illi inoltre permezz tal-ittra ufficjali bin-numru 4708/19 datata 28 ta' Novembru 2019, il-Kummissarju tat-Taxxi interpella lil Film Corporation Malta Limited u lil Anastasia Budykho sabiex fi zmien jumejn min-notifika tal-istess ittra ihallsu l-ammont dovut ta' disgha u ghaoxrin elf, disa' mija u sittax -il Ewro u wiehed u tmenin Ewro centezmu (€29,916.81) rapprezentanti ammont dovut minnhom, f'isem il-kumpannija u f'isem id-direttrici personali bhala taxxa fuq il-valur Mizjud skont l-Art 59 tal-Att XXIII tal-1998, bl-ispejjes u bl-imghax skont il-ligi minn meta l-ammont de quo kien dovut sad-data ta pagament effettiv, liema interpellanza saret ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi biex tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu l-istess Kummissarju tat-Taxxi kontra l-attur;*

*Illi l-ittra Ufficcjali surreferita intbghatet ai termini tal-Art 59 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta u din wara li inharget Avviz tal-Hlas flimkien mal-i"Statement of Taxpayer's Account" mill-Kummissarju tat-Taxxi kontra l-attur.*

*Illi b'risposta ghall-istqarrija infondata li l-Kummissarju naqas milli isegwi d-disposizzjonijiet tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe, illi l-Avviz ta' Hlas in*

*kwistjoni qatt ma gie notifikat, l-esponenti jsostni illi n-notifika surreferit saret permezz ta' posta registrata u dan kif ser jigi ppruvat tul ilk-mori tal-kawza u dunque t-taxxa, u interessi huma dovuti fl-intier taghhom;*

*Illi inoltre Artikolu 73(2) dwar l-avvizi u n-notifiki taghhom jaqra*

*Kull avviz li huwa mehtieg li jinghata mill-Kummissarju jew minn xi persuna ohra taht dan l-att jista jigi notifikat lil persuna sew personalment sew billi jintbaghat bil-posta. Kemm il-darba ma tingiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviz mibghut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviz kien gie indirizzat u impostat sew u ghandu jitqies li jkun gie notifikat(..)*

*Illi l-Kummissarju segwa l-procedura ai termini tal-art 59 tal-Kap 406 fejn ma hemm l-ebda kontestazzjoni liema artikolu jghid li-*
*59(1) Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri l-ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xhieda bizzejjed kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun diovutlill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall ghanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.*
*(2) Il-Kummissarju jista jitlob il-hlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba ghall-hlas tkun giet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba ghall-hlas li ssir permezz ta' att gudizzjarju(...)*

*Illi peress li l-Avviz surefferit inhareg mill-Kummissarju kif diga elenkat hawn fuq, u qatt ma gie kkontestat, il-Kummissarju segwa l-procedura koretta ai termini tal-ligi;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad fl-intjier tieghu r-rikors mressaq minn Film Corporation Malta Limited et bl-ispejjes a karigu tal-istess Film Corporation Malta Ltd.*

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju ntimat[2].

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet dwar din l-eċċezzjoni.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Fit-28 ta' Novembru 2019 il-Kummissarju tat-Taxxi preżenta ittra ufficjali bin-numru 4708/19 kontra r-rikorrenti odjerni permezz ta' liema ngħad li huwa għandu titolu eżekuttiv fil-konfront tagħhom in segwitu għal Avviż ta' Ħlas maħruġ fit-8 ta' Frar 2019 fejn l-istess rikorrenti odjerni kienu ntalbu jħallsu s-somma ta' €29,916.81 bħala bilanċ ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud dovut minnhom skont l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Fid-19 ta' Diċembru 2019 Film Corporation Malta Limited u Anastasia Vladirimovna Budykho ntavolaw il-proċeduri odjerni bil-għan li din il-Qorti –

(i) tiddikjara li l-Ittra Uffiċjali Nru 4708/19 fl-ismijiet premessi hija ntempestiva, irrita u nulla minħabba raġunijiet gravi u validi fil-liġi;

---

[2] Verbal a fol 7

(ii) tiddikjara li l-Kummissarju tat-Taxxi m'għandux titolu ezekuttiv u għalhekk ma jiġi reż esegwibbli fil-konfront tagħhom; u

(iii) fin-nuqqas li jintlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet, l-Qorti għandha tordna s-sospensjoni tal-Ittra Uffiċjali msemmija u tal-effetti kollha tagħha nkluż l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv, u dan wara li l-istess Kummissarju jottempra ruħu ma' dak rikjest mill-Artikolu 59 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minn naħa tiegħu l-Kummissarju ntimat jilqa' ghat-talbiet tar-rikorrenti kemm permezz ta' eċċezzjoni ta' natura preliminari kif ukoll ohrajn fil-mertu fejn isostni li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet imsemmija fl-istess risposta.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari** li dwarha ser tingħata s-sentenza tal-lum tgħid hekk –

*"....l-proċedura li ġiet segwita mhijiex korretta u għaldaqstant l-ewwel u qabel kollox ir-rikors intavolat għandu jiġi ddikjarat null peress li l-proċedura li kellha tiġi użata hi dik ta' rikors ġuramentat u dan hekk kif diġa' ġie deċiż minn numru kbir ta' sentenzi...."*

In sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu l-intimat jiċċita dawn is-sentenzi –

**Kummissarju tat-Taxxi vs David Agius** deċiża fil-31 t'Ottubru 2019

**Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Martin Cassano** deċiża fit-12 ta' Frar 2010

**Paul Vella vs Kummissarju tat-Taxxi Interni** deċiża fit-30 t'April 2009

**Kummissarju tat-Taxxi vs Anthony Mercieca** deċiża fis-17 t'April 2018

**Kummissarju tat-Taxxi vs Maria Mercieca** deċiża fis-17 t'April 2018

Minn naħa l-oħra r-rikorrenti jirribattu li ma kienx hemm l-obbligu legali li l-proċedura odjerna tinbeda b'rikors ġuramentat. Huma wkoll jiċċitaw ġurisprudenza oħra li fiha l-proċeduri nbdew b'sempliċi rikors u mhux b'rikors ġuramentat u mhux talli ma ġiet sollevata ebda eċċezzjoni ta' nullita' mill-intimat Kummissarju talli lanqas il-Qrati *ex officio* ma ssollevaw xi kwistjoni dwar dan.

Il-kawżi ċitati mir-rikorrenti huma –

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Medairco Ltd et** deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru 2011

**Frank X. Fenech et vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** deċiż mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Novembru 2013

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Frank V. Fenech** deċiż mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2012

**Ikkunsidrat:**

L-ittra uffiċjali 4708/19 mertu tal-proċeduri odjerni inħarġet mill-Kummissarju ntimat ai termini tal-artikolu 59 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta). Fl-ewwel żewġ sub-artikoli din id-dispożizzjoni tal-liġi tipprovdi li –

*"(1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta'talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-attġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar."*

Jirriżulta, kif anke ssottomettew il-kontendenti odjerni, li eċċezzjonijiet simili diġa' ġew mistħarrġa mill-Qrati diversi drabi u fil-maġġor parti tagħha l-ġurisprudenza in materja hija konsistenti.

Il-Qorti tqis li għandha tirreferi għas-segwenti ġurisprudenza:

**1. Kummissarju tat-Taxxi vs Steven Delicata pro et noe deċiż fit-30 ta' Jannar 2020 -**

*"12. Jirriżulta illi r-rikorrenti, fis-sottomissjonijet tagħhom, jikkontendu illi l-azzjoni odjerna hija intiża sabiex tattakka Ittra Uffiċjali illi tikkostitwixxi u tikkwalifika bħala Att Eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12, liema Atti eżekuttivi jistgħu jiġu attakkati abbażi tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 b'sempliċi rikors, u mhux meħtieġ rikors ġuramentat.*

*13. Jirriżulta, di fatti, illi r-rikorrenti jikkontendu illi "l-azzjoni tal-esponenti ma hijiex intiża sabiex tattakka t-titolu eżekuttiv naxxenti mill-Avviz li għalih issir referenza fl-Ittra Uffiċjali iżda sabiex tattakka l-att eżekuttiv li permezz tiegħu qiegħed jintalab li t-titolu eżekuttiv allegat .. jiġi reż eżegwibbli".*

*14. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li, skond l-Artikolu 161 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, "(1) Fil-Qrati Superjuri u talMaġistrati f'Malta u Għawdex, il-proċediment ordinarju jitmexxa b'rikors iżda f'dawk superjuri għandu jkun ġuramentat; (2) Il-proċedimenti jistgħu jitmexxew b'rikors fil-każijiet preskritti bi jew skont xi liġi. "*

*15. L-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi illi, la darba l-Ittra Uffiċjali inħarġet a tenur tal-Artikolu 59 (2) tal-Kap 406, liema artikolu tal-Liġi ma jipprovdix li tali Ittra Uffiċjali tista' tiġi opposta b'rikors mhux maħluf, għaldaqstant, kwalsiasi azzjoni kellha ssir b'rikors maħluf a tenur tal-Artikolu 166 (1) tal-Kap 12.*

*16. Jirriżulta illi, in sostenn tal-argumentazzjoni tiegħu, l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jagħmel referenza għall-każ "**Outwest Limited vs il-Kummissarju tatTaxxi**" (994/16 JRM deċiża 27 ta' Marzu 2018), u għall-każ "**Il-Kummissarju tatTaxxi vs David Agius et**" (79/19 JZM deċiża 31 ta' Ottubru 2019", fejn tali argumentazzjoni ġiet aċċettata mill-Qrati.*

***Konsiderazzjonijiet***

*17. Jirriżulta lil dina l-Qorti illi l-ewwel u qabel kollux, għandu jitqies dak illi jipprovdi l-Artikolu 59 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*18. Jirriżulta illi l-Artikolu 59(1) tal-Kap 406 jipprovdi illi Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti għandhom, sakemm mhux ikkontestati, "jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili."*

*19. Jirriżulta, sussegwentement, Artikolu 59(2) tipprovdi għall-żewg stadji fil-ġbir ta' tali taxxa. L-ewwel stadju huwa fejn il-Kummissarju tat-Taxxi jitlob il-ħlas permezz ta' Talba għall-Ħlas, liema ħlas għandu jsir fi żmien 30 ġurnata. It-tieni stadju huwa meta, wara li jiskadu t-tletin ġurnata u ma jsirx ħlas, il-Kummissarju tat-Taxxa jinnotifika t-Talba għall-Ħlas permezz ta' att ġudizzjarju li, wara jumejn min-notifika, jippermetti lill-Kummissarju tat-Taxxi jiġbor il-flejjes dovuti bissaħħa ta' Titolu Eżekuttiv.*

*20. Jirriżulta illi hawnhekk il-Qorti tħoss illi għandha tagħmel referenza għar-raġunament imqajma minn dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, fil-każ fuq imsemmi "**Outwest Limited vs Kummissarju tat-Taxxi**", fejn qalet is-segwenti dwar azzjoni identika għal dik hawn ikkunsidrata:*

*Illi ma hemm l-ebda ħjiel ta' dubju li l-azzjoni ta' Outwest la hija mressqa taħt l-Artikolu 466 tal-Kap 12 u lanqas taħt l-Artikolu 281 tal-istess Kodiċi (li huma żewġ suriet ta' proċedura fejn il-liġi nnifisha tgħid li jistgħu jitressqu b'rikors 'sempliċi' u mhux b'rikors maħluf). Dan jingħad għaliex filwaqt li l-Artikolu 466 tal-Kodiċi huwa maħsub milli jżomm pretensjoni ta' dipartiment tal-Gvern milli ssir titolu eżekuttiv, il-proċedura maħsuba taħt l-Artikolu 281 hija mfassla biex tattakka atti eżekuttivi u mhux titoli eżekuttivi li jkunu diġa` miksuba. Tajjeb li wieħed jiċċara wkoll li l-artikolu 281 jitkellem dwar proċedura biex tattakka atti eżekuttivi. L-atti eżekuttivi magħrufa mil-liġi huma dawk li jissemmew b'mod tassativ fl-Artikolu 273 tal-Kodiċi tal-Proċedura. Ittra uffiċjali bħal dik mibgħuta mill-Kummissarju lil Outwest mhijiex att eżekuttiv u lanqas titolu eżekuttiv, imma hija l-proċedura maħsuba mil-liġi biex tirrendi eżegwibbli kull titolu eżekuttiv ieħor li mhuwiex sentenza;*

*21. Jirriżulta, fil-każ odjern, illi l-azzjoni intentata mir-rikorrenti hija sabiex tikkontesta l-Ittra Uffiċjali ppreżentata mill-Kummissarju tat-Taxxi.*

*22. Jirriżulta wkoll illi l-Ittra Uffiċjali li wasslet sabiex tinbeda l-proċeduri odjerni, kienet rikjesta, skond l-Artikolu 59 (2) tal-Kap 406, sabiex jiġi eżegwit*

*it-Titolu eżekuttiv ġia fil-pussess tal-Kummissarju hekk kif l-Avviż ma ġiex ikkontestat skond il-Liġi.*

*23. Jirriżulta illi, b'analoġija, dak kkontemplat fl-Artikolu 59 (2) tal-Kap 406 huwa wkoll ikkontemplat fl-Artikolu 256 (2) tal-Kap 12 illi jgħid li "l-eżekuzzjoni ta' kull titolu eżekuttiv ieħor ma tistax issir ħlief wara jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju"*

*24. Jirriżulta, għalhekk, illi l-Ittra Uffiċjali li qegħdin jattakkaw ir-rikorrenti ma hijiex Att Eżekuttiv, kif ikkontemplat fl-Artikolu 281 tal-Kap 12, iżda hija biss dik in-notifika, rikjesta mill-Liġi, sabiex titolu eżekuttiv jiġi eżegwit – għalhekk, tali Ittra Uffiċjali ma tistax titqies bħala att eżekuttiv illi jista' jiġi attakkat kif ikkontemplat fl-Artikolu 281, kif jikkontendu r-rikorrenti.*

*25. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, l-azzjoni tar-rikorrenti biex jattakkaw l-Ittra Uffiċjali, irrispettivament minn jekk setgħetx issir b'suċċess jew le, kellha ssir permezz ta' Rikors Ġuramentat u mhux, bħalma ġara fil-każ odjern, b'rikors sempliċi.*

*26. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tat-Taxxi timmerita illi tintlaqa'."*

**2. Il-Kummissarju tat-Taxxi vs Emanuel Said deċiż fis-26 ta' Ġunju 2020 –**

*"**4.** Il-Qorti qieset sewwa il-posizzjonijiet kontrastanti li ħadu l-partijiet fin-noti ta' osservazzjonijiet tagħhom. Il-Qorti ikkunsidrat li l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta ma hux applikabbli għall-każ odjern. Il-Qorti taqbel perfettament mat-tagħlim ermenawtiku li jagħmel referenza għalihom il-Kummissarju tat-Taxxa partikularment is-**Sentenza fl-ismijiet Outwest Limited -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni tas-27 ta' Marzu 2018.***

*__5.__ Emanuel Said qiegħed jittenta jattakka l-ittra uffiċjali fuq imsemmija bir-rikors abbażi tal-artiklu 466 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta (ara dikjarazzjoni magħmula fis-seduta tat-23 ta' Settembru, 2019). Iżda jidher ċar, li l-artikolu li abbażi tiegħu inħarġet l-ittra uffiċjali huwa l-artikolu 59 tal-Kap 406 tal-liġijiet ta' Malta. L-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jirreferi ġenerikament għad-Dipartimenti tal-Gvern u di piu', irid ukoll ikun akkumpanjat minn dikjarazzjoni maħlufa mill-Kap tad-Dipartiment. Di fatti l-artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta terġa' u tgħid jagħmilha ċara li dak li jkun jista' jikkontesta t-talba fi żmien għoxrin ġurnata minn notifika **ta' dik id-dikjarazzjoni**. Dan ma hux il-każ li għandha quddiemha u lanqas ma r-rikorrent qiegħed*

*jattakka l-imsemmija ittra uffiċjali għax ma tissodisfax ritwalment il-proċedura taħt dan l-artikolu. Imma anke li kieku, dan l-artikolu mhux applikabbli.*

**6.** *Il-Qorti tifhem, li fejn jistgħu ikunu salvati l-atti, hekk għandu jiġri. Huwa għalhekk, li l-artikolu 164 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta in suċċint jipprovdi, li dak li għandu jinġieb b'rikors ġuramentat ma jistax jinġieb b'sempliċi rikors. Mentri, fil-każ ta' dak li anke fejn il-liġi tipprovdi espressament li għandu jinġieb b'rikors, jista' ukoll jinġieb b'rikors ġuramentat (ara* ***Sentenza tal-Prim' Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tad-9 ta' Lulju 2019 per Imħallef Grazio Mercieca flismijiet J&C Properties Ltd -vs- Avukat Ġenerali****). Dan ifisser, li fejn il-liġi ma tipprovdiex x'għandha tkun il-forma tal-proċedura sabiex jinġieb att, ir-regola ġenerali u imprexxendibbli hija dik tar-rikors Ġuramentat.*

**7.** *Fl-aħħar nett huwa indubitat, li l-Kap 406 tal-liġijiet ta' Malta huwa liġi speċjali. Kull liġi speċjali, in omaġġ tal-prinċipju tal-prologomena legali, lex specialis derogat generalis, tidderoga minn dik ġenerali, li f'dan il-każ huwa l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Għalhekk bħala liġi speċjali, dak li qiegħed jitlob ir-rikorrent kellu jitolbu bil-forma aktar solenni tar-rikors ġuramentat.*

**8.** *Għalhekk il-Qorti ser tkun qegħdha tilqa' l-ewwel risposta ossia eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi mingħajr ħtieġa li tinvesti l-bqija tar-rikors."*

**3. Outwest Ltd vs Il-Kummissarju tat-Taxxi deċiża fis-27 ra' Marzu 2018 -**

*"Illi għal dak li jirrigwarda t-**tieni eċċezzjoni preliminari**, il-Kummissarju jqis li tali nuqqas seħħ għaliex Outwest mexxiet din il-kawża b'sempliċi rikors minflok b'Rikors Maħluf. L-eċċezzjoni għalhekk tinbena fuq id-disposizzjoni tal-artikolu 789(1)(ċ) u (d) b'rabta mal-artikolu 161 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid jingħad li l-Kummissarju jipprova jħaddem difiżi b'żewġ għanijiet: l-ewwel waħda trid li la darba Outwest ma ikkontestatx l-istejjem, ma huwiex mogħti lilha li issa tikkontestahom f'dan l-istadju meta l-Kummissarju jgawdi minn titolu eżekuttiv; it-tieni waħda hi li l-proċedura magħżula minn Outwest mhijiex dik li trid il-liġi. Il-Qorti sejra tqis biss it-tieni linja billi, fil-fehma tagħha, l-ewwel waħda hija attakk fuq il-fondatezza tal-pretensjonijiet ta' Outwest fil-mertu u tmur lil hinn minn dak li jmissha tistħarreġ din il-Qorti fl-eċċezzjoni preliminari taħt eżami;*

*Illi, min-naħa l-oħra, Outwest tisħaq li mxiet ritwalment tajjeb u sejset din il-fehma fuq il-fatt li, f'każijiet oħra, intużat l-istess proċedura u ma tqajmitx*

*leċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi tal-att promotur. Tgħid wkoll li l-azzjoni tressqet għall-finijiet ta' l-artikolu 59 tal-Kapitolu 406, u ladarba l-proċedura taħt is-subartikolu (2) tiegħu hija ntiza biex titolu eżekuttiv jiġi reż eżegwibbli, il-kontestazzjoni ta' dak it-titolu trid tiġi diretta quddiem din il-Qorti Ċivili, kif adita mill-istess Kummissarju permezz ta' l-ittra uffiċjali mertu ta' din il-kawża;*

*Illi l-liġi tgħid li, bla ħsara għal meta att jista' jissewwa taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175 tal-Kap 12, ikun hemm nullita` jekk kawża li jmissha tinġieb b'rikors maħluf, tinġieb minflok permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor. Il-liġi tgħid ukoll li, quddiem din il-Qorti, il-proċediment ordinarju jitmexxa b'rikors maħluf u jistgħu jitmexxew b'rikors f'każijiet preskritti bi jew skond xi liġi;*

*Illi, min-naħa l-oħra, il-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta huwa għal kollox sieket dwar kif l-att ġudizzjarju (f'dan il-każ ittra uffiċjali bħal dik mibgħuta lil Outwest mertu tal-kawża) jista' jiġi oppost. Minn qari tal-liġi, isegwi għalhekk li l-att irid ikun ir-Rikors Maħluf u l-użu ta' rikors la huwa preskritt u lanqas joħroġ minn xi liġi;*

*Illi ma hemm l-ebda ħjiel ta' dubju li l-azzjoni ta' Outwest la hija mressqa taħt l-artikolu 466 tal-Kap 12 u lanqas taħt l-artikolu 281 tal-istess Kodiċi (li huma żewġ suriet ta' proċedura fejn il-liġi nnifisha tgħid li jistgħu jitressqu b'rikors 'sempliċi' u mhux b'rikors maħluf). Dan jingħad għaliex filwaqt li l-artikolu 466 tal-Kodiċi huwa maħsub milli jżomm pretensjoni ta' dipartiment tal-Gvern milli ssir titolu eżekuttiv, il-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 281 hija mfassla biex tattakka atti eżekutivi u mhux titoli eżekutivi li jkunu diġa` miksuba. Tajjeb li wieħed jiċċara wkoll li l-artikolu 281 jitkellem dwar proċedura biex tattakka* ***atti*** *eżekutivi. L-atti eżekutivi magħrufa mil-liġi huma dawk li jissemmew b'mod tassativ fl-artikolu 273 tal-Kodiċi tal-Proċedura. Ittra uffiċjali bħal dik mibgħuta mill-Kummissarju lil Outwest mhijiex att eżekuttiv u lanqas titolu eżekuttiv, imma hija l-proċedura maħsuba mil-liġi biex tirrendi eżegwibbli kull titolu eżekuttiv ieħor li mhuwiex sentenza;*

*Illi min-naħa l-oħra, ladarba l-azzjoni ta' Outwest hija dik li tattakka l-"pretensjoni dedotta fl-ittra uffiċjali" (jiġifieri l-ammont mitlub fl-Avviż ta' Ħlas li kien inħareġ qabel), allura l-proċedura xierqa, kif sewwa jissottometti l-Kummissarju fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, kellha tkun dik b'Rikors Maħluf kif jipprovdi l-artikolu 161(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura;*

*Illi mid-daqqa t'għajn, joħroġ ċar li l-att ġudizzjarju mressaq minn Outwest bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala Rikors Maħluf kif l-artikolu 156 tal-Kap 12 jitlob li jkun, u minħabba tali nuqqas, jgħodd dak li jgħid l-artikolu 164(1) talKapitolu 12 marbut ma' dak li jrid l-artikolu 789(1) tal-istess Kodiċi. L-anqas jista jingħad li tista' ssir xi ħaġa biex issalva l-att kif maħsub fil-proviso tal-imsemmi artikolu 789(1) jekk mhux billi l-att jerġa' jitressaq għal kollox mill-ġdid;*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet, it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju intimat sejra tintlaqa';"*

**4. Il-Kummissarju tat-Taxxi vs Carmel sive Charles Borg pro et noe deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2021**

*"10. Illi din hija kawża li biha l-appellant ried jattakka u jwaqqa' talba magħmula f'ittra uffiċjali mibgħuta lilu mill-Kummissarju kemm f'ismu personali u kif ukoll lilu bħala direttur tal-kumpanija Aluminium Extrusions Limited għall-finijiet tal-Artikolu 59 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għat-tħassir tat-titolu eżekuttiv vantat mill-istess Kummissarju fil-konfront tiegħu u tal-imsemmija kumpanija. L-appellant jgħid li l-ittra uffiċjali li biha l-Kummissarju talab mingħandu l-ħlas ta' erbgħa u tmenin elf, sitt mija u tnejn u eletin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€84,632.54), ma tiswiex għaliex, fost oħrajn, nieqsa mill-formalita` meħtieġa li twassal għal ksur tal-jeddijiet tiegħu ta' smigħ xieraq kif imħarsin kemm taħt il-Kostituzzjoni kif ukoll taħt il-Konvenzjoni. Jgħid ukoll li l-ammont mitlub mhux dovut. Talab li l-Ittra Uffiċjali tinstab ma tiswiex, u għaldaqstant null u bla effett, kif ukoll li l-ammont pretiż mhux dovut. L-ewwel Qorti sabet li l-kawża kif imressqa hija nulla billi tressqet b'rikors sempliċi flok b'rikors ġuramentat;*

*11. Illi l-appellant iressaq* ***tliet aggravji*** *mis-sentenza appellata: l-ewwel, li l-ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-azzjoni kellha titressaq b'rikors maħluf minflok b'rikors sempliċi.....*

*12. Illi dwar* ***l-ewwel aggravju****, din il-Qorti trid tqis x'kienet tgħid sewwa l-eċċezzjoni li dwarha ngħatat is-sentenza appellata u kif ukoll liema kien l-att li l-appellant ried jattakka meta ressaq din il-kawża. Huwa ċar li lkwestjoni tintrabat mal-proċedura magħżula mill-appellant u dwar jekk hijiex dik li trid il-liġi. Dan*

*qiegħed jingħad għaliex, f'dan l-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jagħmilha ċara li huwa ressaq l-azzjoni tiegħu taħt issaħħa ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qiegħed jilmenta li l-ewwel Qorti ma żammitx ma' dak li kienet tgħid l-ewwel eċċezzjoni. Mis-sottomissjonijiet tiegħu fir-Rikors tal-Appell u wkoll minn dawk li ressaq quddiem l-ewwel Qorti qabel ma ngħatat issentenza appellata, huwa ċar li l-appellant ried jattakka l-ittra uffiċjali, kif tixhed l-intestatura tal-proċedura tallum. L-appellant jisħaq li hija l-liġi nnifisha li titlob li azzjoni taħt l-Artikolu 466 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili tinbeda b'rikors, u għalhekk, l-eċċezzjoni mqajma millKummissarju ma messhiex intlaqgħet;*

*13. Illi, min-naħa tiegħu, il-Kummissarju jgħid li l-proċedura mnedija mill-appellant kienet ħażina, għaliex l-att li kien qiegħed jattakka ma jaqax fost dawk id-dikjarazzjonijiet li jaħseb għalihom l-Artikolu 466 fuq imsemmi. Minħabba f'hekk, jisħaq li l-ewwel Qorti ma kellhiex għażla oħra ħlief li tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullita` tal-att;*

*14. Illi l-liġi tgħid li, bla ħsara għal meta att jista' jissewwa taħt iddispożizzjonijiet tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ikun hemm nullita` jekk kawża li jmissha tinġieb b'rikors maħluf, tinġieb minflok permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor. Il-liġi tgħid ukoll li, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, il-proċediment ordinarju jitmexxa b'rikors maħluf u jista' jitmexxa b'rikors sempliċi f'każijiet preskritti bi jew skond xi liġi;*

*15. Illi, min-naħa l-oħra, il-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta huwa għal kollox sieket dwar kif tista' ssir oppożizzjoni għall-att ġudizzjarju (f'dan il-każ, ittra uffiċjali bħal dik mibgħuta lill-appellant mertu tal-kawża) li jintbagħat lil persuna taxxabbli. Minn qari tal-liġi, isegwi għalhekk li att li bih tali persuna tkun trid tilqa' għat-talba tal-ħlas irid ikun ir-Rikors Maħluf u l-użu ta' rikors sempliċi la huwa preskritt u lanqas joħroġ minn dik il-liġi speċjali;*

*16. Illi l-appellant jgħid li l-azzjoni tressqet taħt l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant mhux il-każ li l-azzjoni kellha tinbeda b'rikors maħluf. Il-Qorti tifhem l-argument tal-appellant iżda, fil-fehma tagħha, ma ssibux tajjeb biżżejjed biex isostni l-aggravju tiegħu. Dan jingħad għaliex in-nullita` eċċepita mill-Kummissarju tirrigwarda l-effikaċja tal-proċedura*

*magħżula mill-appellant. Formalment, ma hemmx dubju li proċedura mressqa taħt l-imsemmi artikolu titressaq b'rikors sempliċi. Imma l-eċċezzjoni attakkata kellha – kif l-ewwel Qorti tabilħaqq għamlet – tħares lejn dak li l-appellant kien ippremetta u talab fl-att li bih fetaħ din il-kawża. L-eżami li wettqet l-ewwel Qorti biex tqis is-siwi tal-eċċezzjoni preliminari li qajjem il-Kummissarju kellu jsir fil-qafas ta' dawk il-premessi u tat-talbiet li ħarġu minnhom. Huwa ċar li l-għan tal-appellant ma kienx li jsib nullità formali fl-ittra uffiċjali li ntbagħtet, imma li jattakka s-siwi u l-eżistenza tat-titolu eżekuttiv tal-istess Kummissarju;*

*17. Illi l-att ġudizzjarju li bih ġie notifikat l-appellant inħareġ skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta u dan jissemma b'mod espress f'dak l-att ġudizzjarju. Meta l-Kummissarju ħareġ dik l-ittra, huwa kien igawdi diġa` titolu eżekuttiv minn żmien qabel bagħat dak l-att u dan bis-saħħa tal-Avviż tal-Ħlas li kien intbagħat lill-appellant. Fl-ittra uffiċjali l-Kummissarju jagħti jumejn żmien lill-appellant sabiex iħallas l-ammont mitlub, liema żmien joħroġ mis-subinċiż (2) tal-Artikolu 59, u fin-nuqqas kien ser jipproċedi biex jeżegwixxi t-titolu li diġa` għandu;*

*18. Illi, għall-kuntrarju, il-proċedura maħsuba taħt l-Artikolu 466 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għandha l-għan li żżomm milli pretensjoni ta' dipartiment tal-Gvern magħmula b'att ġudizzjarju li miegħu jkollu mehmuża dikjarazzjoni maħlufa ssir titolu eżekuttiv, fejn it-titolu jinkiseb biss jekk ma ssirx kontestazzjoni fiż-żmien li tagħti l-liġi jew jekk il-kontestazzjoni ma tirnexxix. Għalhekk, l-ittra uffiċjali mibgħuta taħt l-Artikolu 466(2) hija att meħtieġ li takkumpanja pretensjoni li ssir titolu eżekuttiv jekk ma tkunx attakkata fiż-żmien; filwaqt li l-ittra uffiċjali mibgħuta mill-Kummissarju taħt l-Artikolu 59(2) tal-Kapitolu 406 hija waħda mitluba mil-liġi biex titolu eżekuttiv li m'huwiex sentenza jista' jsir eżegwibbli. F'dan il-każ, il-proċedura xierqa, kif sewwa jissottometti l-Kummissarju fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, kellha tkun dik b'Rikors maħluf kif jipprovdi l-Artikolu 161(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura, għaliex dan huwa l-mod li wieħed jista' jattakka s-siwi ta' titolu eżekuttiv;*

*19. Illi fiċ-ċirkostanzi, jgħodd dak li jgħid l-Artikolu 164(1) tal-Kapitolu 12 marbut ma' dak li jrid l-Artikolu 789(1) tal-istess Kodiċi. Lanqas jista' jingħad li tista' ssir xi ħaġa biex issalva l-att kif maħsub fil-proviso talimsemmi Artikolu 789(1) jekk mhux billi l-att jerġa' jitressaq għal kollox mill-ġdid. Għandu jingħad li, sa dakinhar li tressaq ir-rikors promotur, din il-kwestjoni kienet mistħarrġa*

*mill-Qrati fuq medda ta' żmien*[3] *u ngħataw deċiżjonijiet fil-biċċa l-kbira konsistenti ma' xulxin (kif ukoll rilevati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata);*

*20. Illi għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju tal-appellant mhux ser jintlaqa';"*

Ir-rikorrenti odjerni isostnu li l-Kap 406 jipprovdi għal proċedimenti u rimedji li huma *ad hoc* u *sui generis* u ladarba f'dak l-Att il-leġislatur ma nsistiex li l-proċedura kellha tkun mibdija permezz ta' rikors ġuramentat allura m'hemmx obbligu li proċeduri bħal dawk odjerni għandhom jinbdew b'rikors ġuramentat.

Applikati l-prinċipji ġurisprudenzjali ċitati mill-Qorti għall-każ tal-lum, il-Qorti ma tistax tilqa' din is-sottomissjoni tar-rikorrenti.

Il-Qorti tqis li -

i. L-ittra uffiċjali mertu tal-proċeduri odjerni saret sabiex jiġi reż eżegwibbli titolu eżekuttiv li l-Kummissarju ntimat kien diġa' akkwista wara li l-Avviż ta' Ħlas flimkien mal-*i"Statement of Taxpayer's Account"* maħruġ fit-8 ta' Frar 2019 ma ġiex kontestat skont il-proċedura stabbilita mill-liġi;

ii. L-azzjoni ntavolata mir-rikorrenti odjerni la tista' titqies li saret ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 u lanqas ai termini tal-artikolu 281 tal-istess Att (liema artikoli jippermettu proċedura mibdija permezz ta' rikors sempliċi u mhux neċessarjament rikors ġuramentat). L-għan tal-artikolu 466(2) huwa li jwaqqaf talba għal ħlasijiet magħmula minn Dipartimenti tal-Gvern milli ssir titolu eżekuttiv. L-għan tal-artikolu 281 huwa li jiġi attakkat att eżekuttiv. Filwaqt li, kif ingħad, il-mertu odjern jirrigwarda titolu eżekuttiv li diġa' nkiseb mill-Kummissarju ntimat u l-ittra uffiċjali li r-rikorrenti odjerni qegħdin jattakkaw la hi att eżekuttiv u lanqas titolu eżekuttiv iżda proċedura ta' notifika kontemplata fil-liġi biex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv diġa' eżistenti;

[3] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **28.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Gatt v. Kummissarju tat-Taxxi Interni*** ; u P.A. AE **20.5.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Vassallo pro et noe v. Il-Kummissarju tat-Taxxi*** fost oħrajn

iii. Jiġi rilevat li skont l-artikolu 161 tal-Kap 12 –

*"(1) Fil-Qrati Superjuri u tal-Maġistrati f'Malta u Għawdex, il-proċediment ordinarju jitmexxa b'rikors iżda f'dawk superjuri għandu jkun ġuramentat.*

*(2) Il-proċedimenti jistgħu jitmexxew b'rikors fil-każijiet preskritti bi jew skont xi liġi."*

Filwaqt li l-artikolu 164 tal-Att imsemmi jkompli jgħid li -

*"(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175, ikun hemm nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors ġuramentat jew b'rikors ta' appell minflok tinġieb permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor.*

*(2) Ma hemmx nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors minflok tinġieb b'rikors ġuramentat:"*

Minn dan isegwi li f'dawk l-istanzi fejn il-liġi ma tispeċifikax liema għandha tkun il-forma li biha għandha tinbeda l-proċedura fil-Qorti ir-regola hija li din għandha tinbeda b'rikors ġuramentat.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tikkonkludi li l-proċedura li r-rikorrenti odjerni kellhom isegwu sabiex jattakkaw l-ittra uffiċjali maħruġa mill-Kummissarju ntimat kellha tinbeda permezz ta' rikors ġuramentat u mhux b'sempliċi rikors u kwindi l-eċċezzjoni tal-intimat hija ġustifikata.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi l-proċeduri odjerni billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju intimat u għaldaqstant tiċħad ir-rikors tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**